**236. Il-Ministru tal-Finanzi l-Onor. George Bonello Du Puis jipproponi**:

Billi huwa provdut fis-subartikolu (1) tal-Artikolu 12 tal-Att dwar il-Korporazzjoni għal Żvilupp ta' Malta (Cap. 202) li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' bl-approvazzjoni tal-Kamra jiggarantixxi f'isem il-Gvern il-ħlas lura tal-kapital u l-ħlas tal-imgħax u drittijiet oħra fuq il-kapital, ta' kull self awtorizzat tal- Korporazzjoni għal żvilupp ta' Malta;

U Billi l-Korporazzjoni għal żvilupp ta' Malta se tissellef somom ta' flus li b'kollox jammontaw għal mhux aktar minn għaxar miljuni liri Maltin mingħand banek kummerċjali biex jintużaw għal skop ta' soft loans kif provdut fl-artikolu 16 taħt l-Att tal-1988 dwar l-Iżvilupp Industrijali (Att XXI tal-1988);

U Billi l-Gvern bi ħsiebu jiggarantixxi dak is-self:

Issa, għalhekk, jiġi riżolut u qiegħed jiġi b'din riżolut li l-Ministru tal-Finanzi jiġi awtorizzat li jiggarantixxi s-self mill-Korporazzjoni ta' somma ta' mhux aktar minn għaxar miljuni liri Maltin kif ukoll l-imgħaxijiet fuqhom għal perjodu ta' mhux aktar minn għaxar snin li jibda jgħodd fuq dan l- ammont jew xi parti minnu minn meta jiġi misluf.

.

06.06.1990